**20 ta' Jannar, 1962.**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Joseph Dimech

**Traffiku — "Parking" — "Motor-Scooters" u "Motor-Cycles".**

*Il-"parking" imxerred u ndixxiplinat ta' vetturi f'punti nevralġiċi tat-traffiku ntens jikkostitwixxi perikolu potenzjali ta' sinistri stradali; kif ukoll in-natura tal-"motor-scooters" u tal-"motor cycles" u l-mod li bih isuquhom il-konduċenti tagħhom.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija kontra *Joseph Dimech talli f'tas-Sliema*, fl-ewwel ta' Mejju 1961, f'xi l-4.30 p.m., saq van numru 6171 minn The Strand (1) b'manjiera traskurata; (2) u naqas idoqq il-horn u jmexxi bil-mod u jagħmel sinjal biex juri għal liema naħa bi ħsiebu jaqbad; (3) u naqas jagħti d-dritta lit-traffiku li ġej mill-lemin tiegħu fi trieq prinċipali; (4) barra minn dan, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni u b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti, ħabat ma' motor-scooter numru 28028 u kkaġunalu ħsara għad-dannu ta' Brian Pace Axiak; (5) u iżjed, għamel offiża ta' natura gravi minħabba d-dewmien *fuq il-persuna tal-istess Brian Pace Axiak*, skond iċ-ċertifikat ta' Dr. R. Bartolo, M.D.; bit-talba tal-Prosekuzzjoni biex jiġi skwalifikat mill-liċenzi kollha tiegħu tas-sewqan għal mhux anqas minn tmient ijiem;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tas-16 ta' Awissu 1961, li biha sabitu ħati tal-ewwel, it-tielet, ir-raba' u l-ħames imputazzjonijiet, b'dan li l-imputazzjoni ta' danni nvolontarji, akkompanjata b'offiża ta' natura gravi nvolontarja minħabba dewmien, tassorbixxi l-imputazzjonijiet l-oħra, u sabitu mhux ħati fuq it-tieni mputazzjoni u lliberatu minnha; u kkundannatu għal £6 multa u s-sospensjoni tal-liċenzi tas-sewqan għal żmien tmient ijiem;

Rat ir-rikors tal-imputat, li bih dan appella mis-sentenza fuq imsemmija u talab li tiġi revokata kwantu għall-imputazzjonijiet li tagħhom instab ħati, u li hu jiġi liberat;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

*L-impressjoni li l-Imħallef sedenti* kien ħa mill-provi qabel ma ġiet kostitwita l-perizja kienet preċiżament dik li issa tinsab inkorporata fil-konklużjonijiet tal-perizja, u din ġiet kostitwita appuntu biex jiġu deluċidati aħjar l-aspetti tekniċi għar-rasserenament tal-Qorti;

Ma ġie pruvat xejn (kif sewwa kkonkluda l-perit) li jista' b'xi mod jippuntella l-imputazzjonijiet li tagħhom sabitu ħati l-Ewwel Qorti;

Il-kawża ta' dan is-sinistru stradali, kif korrettament ikkonkluda l-perit, għandha tiġi riċerkata pjuttost fil-fatt li kien hemm vetturi pparkjati b'mod li kienu jostakolaw il-viżwali, fid-diżattenzjoni tal-konduċent tal-motor-scooter, u fli-speed tiegħu elevat talment li dan il-konduċent, bil-ħabta, letteralment tar minn fuq is-"saddle", għadda fl-ajru minn fuq il-bonnet tal-van, u spiċċa fuq il-bankina ta' quddiet il-bini, wara li għamel trajettorja fl-ajru ta' kważi sittax il-pied mix-xifer tal-bankina tal-lemin;

A propożitu, il-perit Dr. Cassar, b'dik l-akkuratezza li tiddistingwi r-relazzjonijiet tiegħu, għamel żewġ osservazzjonijiet li għandhom jitqiesu minn min imiss; waħda dwar il-perikolu potenzjali tal-parking imxerred u ndixxiplinat ta' vetturi f'punti nevralġiċi tat-traffiku ntens; u l-oħra hekk minnu testwalment espressa:— "Il-konduċenti ta' motor-scooters u motor-cycles, billi huma manovrabbli ħafna, u, biex wieħed jgħid hekk, jgħaddu minn ġewwa xejn u fl-ebda ħin, minħabba n-natura sportiva tal-vetturi u l-eżuberanza ġovanili ta' dawk li ġeneralment jirkbuhom, ma jsibu ebda diffikultà li jeċċedu fli-speed, u l-iskontri fatali li kellna niddeploraw reċentement huma illustrazzjoni ta' dan li qiegħed jingħad";

Din l-osservazzjoni assennata tal-perit tikkombaċja ma' kommenti reċenti kontenuti fir-rivista legali "The Solicitor", Nov. 1961, p. 332, f'dan is-sens:— "A recent television programme focussed long overdue attention on the outlook of all too many young motor-cyclists. Those who work in magistrates' courts so situated as to deal with large numbers of prosecutions involving motor-cyclists will endorse the verdict of the commentators on the programme already mentioned. This was an emphatic guilty, guilty of reckless disregard of other road-users, of utter contempt for their own and others' lives, of practices whose deliberate courting of the maximum amount of peril in the shortest possible time beggars description". U kkonkludew:— "Be that as it may, the law can yet be used to bring this kind of practice to an end";

Il-Qorti taqbel mal-perit li ma jistgħux jinstabu fir-riżultanzi proċesswali elementi ta' negliġenza, imprudenza jew inosservanza tar-regolamenti mill-parti tal-appellant

fil-mod kif hu saq u mmanuvra l-van meta ġie biex idur fuq il-lemin tiegħu biex jidħol ġo Marina Street;

Għal dawn il-motivi;

Prevja adozzjoni tar-rapport peritali;

Tiddeċidi billi tilqa' l-appell tirrevoka s-sentenza appellata fil-parti kundannatorja tagħha, tiddikjara l-appellant mhux ħati 'in toto", u tordna li jiġi liberat.